Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 26**

**IT-TLIETA 24 TA' AWWISUU 2016 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR JUSTIN FENECH | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER – 6.50pm |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER – 5.30pm |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| THERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Is- Sindku qal it-talba.**

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-Seduti Nru. 25 gew approvati hekk kif gew emmendati. Il-Kunsillier M. Miceli ppropona u l-Kunsillier T. Valentino ssekondat.

## II PUNTI LI JOHORGU MILL-MINUTI

1. Il-Kunsillier M. Fava staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi rigward it-traffic calmers ta' Triq il-Pedidalwett minhabba li kellu lmenti minn residenti li zewg traffic calmers u t-triq hija telgha huma wisq go din it-triq. Hu staqsa sabiex il-calmer ta' fuq tinzel ftit l'isfel filwaqt dik ta' isfel tinqala. Il-Kunsillier M. Abela infurmat li din il-materja se tigi diskussa fis-seduta t'ghada tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.

2. Il-Kunsillier T. Valentino staqsiet jekk intbaghtitx l-ittra lill-Awtorita ta' l-Ippjanar dwar li jkun hemm rapprezentant tal-Kunsill meta tkun se tigi diskussa jew deciza xi zvillup fil-lokalita' taghna. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li din il-korrispondenza intbaghtet mal-ewwel lill-entita' kkoncernata. Il-Kunsillier M. Fava nforma li din is-sistema hija marbuta b'Legal Notice u ghaldaqsatnt jahseb li din it-talba mhux se tigi accettata. Huwa elenka li jekk il-Kunsill b'xi mod jkun involut f'dan il-process jista' jinholoq xi tip ta' kunflitt ta' interess u ghalhekk tista' tkun sitwazzjoni perikoluza. Il-Kunsillier T. Valentino infurmat li hija ssugeriet li ghall-inqas jkun hemm rapprezentat tal-Kunsill meta jkun se jigi diskuss xi progetti godda jew olterazzjonijiet fuq art meqjusa bhala ODZ.

3. Il-Kunsillier M. Miceli staqsa jekk waslit xi korripondenza relatata ma' talba li ghamel dan il-Kunsill sabiex jkun jista' jaghmel parti mir-Regjun Centrali. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li ghalkemm intbaghtu reminders u din l-ittra ricentament intbaghtet ukoll permezz ta' email lill-Onor. Buontempo u lid- Direttur ghall-Gvern Lokali, sfortunatament s'issa ghadna bla ebda risposta.

4. Il-Kunsillier M. Miceli staqsa jekk kienx hemm xi zvillupi godda minn naha ta' LESA rigward l-abbuzi ta' xi sewwieqa li qed jabbuzaw mis-sistema tal-one way fi Triq il-Hemel. Is- Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-Sur S. Mallia huwa nfurmat b'din il-materja u dan wieghed li qed jinvestiga u diga' ghandu xi rizultati pero' is-Sur Mallia se jipprovdi iktar informazzjoni iktar 'il quddiem.

HUGH ZAMMIT
SEGRETARJU EŻEKUTTIV

NOEL MUSCAT
SINDKU

## III RAPPORTI MIS-SINDKU

1. Is- Sindku ta' informazzjoni dwar il-PPP ( jigifiri li letrini pubblici jibda' jiehu hsiebhom il-Gvern Centrali). Wara diskuzzjoni twila dwar din il-materja, il-Kunsill uninament qabel li l-letrini allokati fi Centru Civiku, jigu fir-responsabilta tal-Gvern Centrali.

2. Is- Sindku rrefera li skond rapport li rcieva xi persuni decidew li jarmaw gabbana fi Triq St. Wistin / Lourdes Lane. Xi residenti infurmawh li huma ma jaqblux li din il-gabbana ta' l-ikel ghandha tithalla tarma fil-post indikat peress li ha tkun ta' inkonvenjenza kbira ghar-residenti tal-madwar. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li li huwa kellu kuntatt ma' l-Ispettur tal-Pulizija fejn dan informa wkoll lis-Suprtendent. Wara diskuzzjoni fit-tul, gie deciz b' mod umanimu li dan il-Kunsill ma jaqbilx li ghandhom jintramaw dawn it-tip ta' gabbani permanenti f'kull post ta'lokalita'. Is- Segretarju Ezekuttiv ha l-inkairgu li jerga' jkellem lill-Ispettur.

## IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI

<u>Mill-Vici Sindku</u>

1. Il-Vici Sindku nforma li saret laqgha fl-ufficini ta' Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn giet diskussa fid-dettal l-amministrazzjoni ta' tennis court. Matul din il-laqgha, isemma wkoll kif il-Kunsill se jkun qieghed jigbor xi flus li se jkunu qed jaghmlu tajjeb ghall-manutenzzjoni ta' tennis court.

   Huwa nforma li issa t-tennis court jinsab nadif sew u jistghu jibdew jittiehdu l-bookings minn nhar il-Gimgha 12 ta' Awwissu 2016. Huwa nforma lill-Kunsill li nhar il-Hamis 11 ta' Awwissu f'nofs in-nhar ghandha tigu persuna sabiex turi lill-istaff tal-Kunsill kif se tithaddem is-sistema temporanja tal-booking sakemm dik permanenti li se tkun online tigi satbilita. Ir-rati ghall-uzu ta' tennis court huma hekk kif indikati hawn taht:

   *€3.00 – ghall-uzu ta' tennis court matul il-gurnata (ghal tlett kwarti/ 45-il minuta)*
   *€5.00 – jekk jkun hemm bzonn li jinxteghlu flood-lights (ghal tlett kwarti/ 45-il minuta)*

   Il-Vici Sindku nforma li inhatar kumitat apposta biex jiehu hsieb il-funzjoni ta' Tennis Clubu dawn ser jintrabtu b'kuntratt li jridu jiehu hsieb il-manzutenzzjoni u dak kollu li jkollu bzonn il-court. Il-Kunsillier M. Fava staqsa kemm se jkun zmien ta' dan il-kumitat. Il-Vici Sindku wiegeb li dan se jsir sa l-ahhar tas-sena 2017.

   Il-Vici Sindku pprezenta pjanti ta' ghamara li hemm bzonn fil-club house. Hu staqsa sabiex issir sejha ghall-kwotazzjonijiet.

   Il-Kunsillier M. Fava ssugerixxa li l-pagamenti ta' din l-ghamara jsiru 120 gurnata wara li jigu delivered u armati fi tennis club.

**IV RAPPORTI MILL-KUNSILLIERI – ikomplu**

Mill-Vici Sindku – ikompli

**2. Swieqi Fest 2016**

Il-Vici Sindku nforma bil-programm mhejji li huwa mqassam fuq 4 ijiem mit-8 ta' Settembru 2016 sal-11 ta' Settembru 2016.

Il-costings ta' din l-attivita' jammontaw ghal €18,000.00 pero' huwa nforma li €12,000.00 minnhom se jigu irkuprati minn dhul iehor.

Is- Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jonfoq iktar minn €3,500.00 u din l-attivita' anke giet diskussa waqt il-laqgha li kellu s-Segretarju Ezekuttiv flimkien mas-Sindku mad-Direttur ghall-Gvern Lokali fejn gie nfurmat ukoll sabiex ma jsirux spejjez barra dawk marbutin mal-kuntratti u dan minhabba il-qaghda finanzjarja tal-Kunsill.

Il-Vici Sindku nforma li il-programm ghadu mhux iffinzalizat u ghad irridu jitnaqqsu xi partecipanti pero' il-bilanc li se jibqa' biex jithallas mill-Kunsill, huwa ta' madwar €6,000.00 li bit-tnaqqis li se jsir, din is-somma ghandha tinzel ghal dik konformi mal-ligi. Il-Kunsillier A. Chetcuti wieghed li se jitkellem mal-Ministru tat-Turizmu bil-ghan li l-Minister jissussdja parti minn nefqa.

*Il-Kunsillier A. Chetcuti talab sabiex jigi skuzat. Il-hin kien 8.00pm.*

Mill-Kunsillier M. Fava

1. Il-Kunsillier M. Fava talab li fis-seduta li jmiss ghandu jigi diskuss id-dawl dekorattiv tal-Milied kif ukoll il-hatra ta' Interviewing Board ghall-kariga tas- Segretarju Ezekuttiv.

**V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR**

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.21 u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App.B), hadd ma ogezzjona u ghaldaqstant dawn il-pagamenti kollha gew approvati. Il-Kunsillier A. Curmi ppropona u l-Kunsillier P. Fenech issekonda.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**

**VI KOMMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EZEKUITTIV**

1. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma dwa l-interviews tas' 3 skrivani tal-Kunsill li applikaw biex jitilghu minn skala 13 ghal skala 11. Il-Vici Sindku nforma li l-interviews thaddmu fuq sistema ta' marki u l-aktar punt li l-Interviewing Board ibazza l-marki tieghu kien fuq esperjenmza u kwalifiki ta' accounts u dan minhabba li fil-futur qarib se jkunu rikjesti tibdil fis-sistema tal-pagamenti imnaqqsa mill-fond allokat tal-Kunsill.

   Is- Segrertarju Ezekuttiv informa li waqt l-interviews gie inuttat li 3 skrivani dejjem ghamlu xoghol taghhom b'mod professjonali u kienu ta' ghajnuna kbira fl-operat tal-Kunsill pero' f'dan l-istadju persuna wahda biss tista' tinghata din il-kariga.

   Il-Vici Sindku informa li skond ir-rapporti tal-marki tal-membri ta' l-Interviewing Board, giet maghzula ghal din il-kariga ta' skala 11, is-Sinj. Clarissa Schembri. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din id-decizjoni.

   Il-Vici Sindku ssugerixxa li z-zewg skrivani l-ohra, jinghtaw iz-zewg notches li fadal sabiex jilhqu l-massimu ta' skala 13. Is- Segretarju Ezekuttiv nforma li huwa ghamel komunikta mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn gie nfurmat illi din, mhux permessa li ssir.

   Ghaldasqtant, is-Sindku talab sabiex iz-zewg skrivani jitilghu minn skala 13 ghal skala 12. Kien hemm qbil unanimu dwar dan pero' is-Segretraju Ezekuttiv informa li qabel ma jsir dan jkun ahjar li jikkonsulta' mad- Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

**Din is-Seduta spiccat fid-20.20 u b'mod unanimu minn dawk prezenti gie deciz li tigi aggornata ghal 24 ta' Awwissu 2016 fil-17.00 minhabba li kien sar hafna hin.**

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **SEGRETARJU EŻEKUTTIV** | **SINDKU** |